# PROGRESS

Sejrin 'l ura bħal qabru...
 Fid-djar mietet is-sliema;
 Min dineb jarġa' jidneb
 U ma jridx jaf b'indiema.

Kullfejn iddawwar wiċċek
 Nies imbergħna wi mqarrsa...
 Theddid, tilwim f'kull kelma,
 Saret traġedja l-farsa.

Min daħak daħka 'l bieraħ:
 Il-lum sefgħetlu sogħba,
 Jara li l-ħajja kiefra
 U li l-għaxa mhux logħba,

Għax bejn ġurnata u oħra
 Jittawlu l-għaks u l-ġuħ,
 U l-ħidma kulljum tonqos,
 U ftit hemm ħobż merfugħ.

Frattant iż-żgħażagħ tidħak;
 L-imħabba saret sport...
 Ix-xjuħ iħokku rashom,
 Jgħidu li m'għandhomx tort,

U ċ-ċfales kulljum tikber,
 Min jorbot jarġa' jħoll...
 M'għandekx għax tgħid lil għajrek:
 "Ħabib, ara l-iskoll."

Fil-"business", fil-Pulitka
 Gideb, tnassis bla qies...
 Kollox arblu ta' Mejju,
 Min tala' fuq sar nies:

U dak li jsir fiċ-ċkejken
 Isir aktar fil-kbir...
 Din marda li tittieħed,
 Tirkeb l-għani wil-fqir.



Qoxortu ħadd ma tesgħu,
 Kullħadd jgħir għall-aħjar,
 U ftit, ftit hawn min jaħseb,
 Kif Alla jrid, fid-dar:

U l-marella tad-dinja
 Titħabbel kull ma tmur,
 Għax lil MIN jaf isewwi
 In-nies bagħtitu jdur.

....................

Imm'għandna l-ajruplani,
 It-talkie, l-wajjerless..
 Evviva s-SEKLU tagħna,
 Is-Seklu tal-progress!...

Dun Karm

## La tigdibx

*(Mill-Ingliż)*

*Żewġ ħaddiema mġewħa li kienu qegħdin ifittxu x-xogħol, waslu nhar ta' ġimgħa f'raħal fejn kien igħammar qassis tagħna l-Insara, imsemmi għal tjubitu mal-fqar.*

*"Hawn ma nagħmlu xejn" qabeż qal wieħed minnhom "jekk huwa jinduna li aħna Lhud, għalhekk jien ngħidlu li jien nisrani."*

*"Agħmel kif trid, iżda jien ngħidlu s-sewwa" — wieġeb l-ieħor.*

*Ħabbtu l-bieb u talbu xi ħaġa tal-Karità.*

*Il-qassis saqsiehom min huma, wieħed wieġeb li hu Nisrani u l-ieħor li ma hux. Qalilhom jistennew xi ftit u daħal ġewwa. Wara ftit ġie u ġieb miegħu żewġ sjetti; f'wieħed minnhom kien hemm nofs tiġieġa l-forn u l-ieħor ftit ross mgħolli. Lil dak li qal li huwa nisrani qallu: "Billi int Nisrani, il-lum il-ġimgħa ma tniġġisx u jisgħobbija bil-bosta iżda ma għandix ħaġ'oħra hlief dan ir-ross x'intik." Dar fuq l-ieħor u qallu: "Int, ġa ladarba m'intix magħna, naħseb li tista' tiekol il-laħam, u newwillu s-sjett bit-tiġieġa".*

C. Micallef Decaro.